**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

# 8 LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 33

**It-Tlieta, 16 ta' Marzu, 2021.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sur Sindku, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar, permezz tal-Microsoft Teams, minħabba s-sitwazzjoni kurrenti tal-COVID-19.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud (MM) | Kunsillier |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku: NIL

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

NIL

**ASSENTI**

Is-Sur Carlo Stivala Kunsillier

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Il-viċi Sindku,  ippresjeda.

## Minuti

## 33.01 Qari tal-ittri t' apoloġija

33.01.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li ma rċevietx l-ebda ittra t' apoloġija, mingħand il-kunsillier (CS).

## 33.02 Approvazzjoni tal-Minuti (32)

33.02.01 Inġibdet l-attenzjoni minn (SC), f'paġna 6/9, isem il-Villa jrid ikun jaqra Ippolito.

33.02.02 (AC) ikkumenta wkoll, li f'paġna 8/9 (para. 'l isfel), trid issir emenda li tgħid: (AC) mar jaraha ma' field officer ta' Infrastructure Malta.

33.02.03 (DP) ġibdet l-attenzjoni li f'dal minuti għanda ssir dikjarazzjoni relatata mal-(para. 'l isfel – paġna 4/9), li tindika l-iskema tal-qtates tkopri s-somma ta' €8,000.00, għal erba' taqsimiet, fosthom is-servizz tal-veterinarju. Madankollu, din ma tinkludiex in-neutering u servizzi mediċi oħra. Rigward in-neutering, għandna skema oħra fis-seħħ li għadha għaddejja, indipendentament mil-LC Care Scheme. Permezz ta' din l-iskema, il-feeders qegħdin jiġbru l-vawċers mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u jsewwu l-qtates.

Il-proponent kien (SZ) - issekondat minn (JBD).

## 33.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

33.03.01 (SE) ippreżentat kopja tal-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash. Il-Kunsill ma sab l-ebda diffikultà u approva kemm l-iskeda tal-pagamenti, kif ukoll tal-petty cash.

Il-proponent kienet (MM), issekondata minn (AC).

## 33.04 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet

33.04.01 (SE) ippreżentat il-kwotazzjonijiet relatati:

- Tibdil tat-tapit tal-bandli – Il-Kunsill approva l-orħos kwotazzjoni mingħand MED Projects – (QU20210050) – €5,818.93 (VAT ink.).
- Structuring tat-tenders – Misraħ Pietru Pawl Saydon u Misraħ San Ġorġ Preca – il-Kunsill approva l-kwotazzjoni mingħand: MS Advisory Services (QT/MSAS/BLC-003) - €1,062.00 (VAT ink.) għal kull tender.
- Land survey – Triq iż-Żebbuġ – il-Kunsill approva l-kwotazzjoni mingħand Edward Calleja (QPML) - €405.00 (VAT eżk.).

- Fir-rigward tal-istructuring tat-tender tal-irrigation system fi Ġnien l-Indipendenza, il-Kunsill talab għal stima oħra, qabel jieħu d-deċiżjoni fuq l-istima li diġà ġiet ippreżentata.

## 33.05 Approvazzjoni tal-Business Plan Report

33.05.01 (SZ) spjega li talab lil accountant tal-Kunsill, sabiex mar-rendikont iżżid l-ammont ta' 10% għas-sena 2021, 2022 u 2023, bħala parti mill-UIF. Dan sabiex il-Kunsill ikun qiegħed jimplimenta ċertu proġetti, li ma jkunux koperti bl-ebda skema oħra. Fl-istess waqt, ikun qiegħed iżid 10% mal-fond tal-Kunsill. Il-viċi sostna li għalkemm bil-COVID-19 kienet sena ħażina, il-Kunsill xorta ħadem u żied il-proġetti amministrattivi. Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

Proponent (SC) – sekondat (SZ)

## 33.06 Kommunikazzjoni mressqa mis-Sindku

33.06.01 Is-Sindku tkellem dwar il-proċedura li l-Awtorità tat-Trasport, qed timpona fuq il-lokalità. Riċentament, l-uffiċċju ġie mitlub minn TM, sabiex meta wieħed jirrikorri fil-Kunsill biex jitlob permess, tkun deċiżjoni tal-Awtorità tat-Trasport li tindika jekk hemmx bżonn ta' uffiċjali tas-sigurtà biex jikkontrollaw it-traffiku, jew le. Dawn il-proċeduri qegħdin iwasslu, sabiex persuna jidħol fi spejjeż żejda, biex iġib l-uffiċjali tas-sigurtà. Madankollu, (SE) spjegat kif l-uffiċċju ħoloq lista tat-toroq li minnhom tgħaddi l-karozza tal-linja, kif ukoll toroq meqjusa sekondarji. B' dan l-eżerċizzju, il-Kunsill ser ikollu linja gwida kif jista' jaħdem u jikkordina mal-Awtorità kompatibbli.

33.06.02 Is-Sindku spjega kif riċenti tressqet talba, sabiex jingħata isem lil sqaq li wieħed jidħol għalih minn Triq il-Brolli. Kien ġie ssuġerrit ukoll li dan l-isqaq jiġi msejjaħ, Sqaq ta' Matti. Madankollu, intlaħaq ftehim unanimu, biex jinbeda l-proċess u jingħata l-isem ta' Sqaq ta' Kalambrej, għaliex Sqaq ta' Matti, kien jinsab f' xaqliba oħra.

## 33.07 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

33.07.01 (SE) fakkret lil kunsilliera sabiex jilħqu jibgħatulha write-up għat-tħejjija tar-rapport annwali tal-Kunsill, sa l-Erbgħa, 24 ta' Marzu, 2021.

33.07.02 (SE) talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill, sabiex l-uffiċċju jkun jista' jressaq talba lil Bank of Valletta, biex jingħatlu internet key oħra. Din l-internet key ser tkun speċifika, biex ikun jista' jsir il-proċess għad-depożitu fin-night safe. B' mod unanimu, il-Kunsill approva din it-talba.

33.07.03 (SE) resqet talba li l-uffiċċju rċieva mingħand persuna li s-sena l-oħra kien ressaq l-istess talba, biex jarma gabbana tal-ikel, fil-Bajja s-Sabiħa, ħdejn l-iskatepark. (AC) spjega kif is-sena l-oħra l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni. F'dan l-istadju, din il-persuna avviċinat l-ewwel lil Kunsill, biex jekk il-Kunsill joġġezzjona, ma tkomplix bil-proċess għal permessi oħra, mingħand l-awtoritajiet. Madankollu, jista' jirriżulta li awtoritajiet oħrajn, joġġezzjonaw. Il-viċi staqsa jekk hux ser ikun hemm ukoll l-imwejjed u s-siġġijiet. (AC) qal li din il-persuna qalet ukoll li lesta li tagħmel mobile toilets, biex jintużaw minn min ikun fl-akkwata. (JBD) u s-Sindku staqsew x'jiġri jekk ikun hemm xi ħaddieħor li jitlob għal permess ukoll. Madankollu, il-Kunsill approva din it-talba.

33.07.04 (SE) aġġornat lil Kunsill, li l-iskrivan li ġie approvat biex jibda jaħdem ġol Kunsill, kien laħaq sab xogħol ieħor. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li għandu jibda l-proċess sabiex jinħareġ avviż fuq il-gazzetti lokali.

33.07.05 (SE) ressqet talba lil Kunsill biex jinxtara printer, fl-uffiċċju tas-segretarju eżekuttiv. Il-Kunsill qabel li (SE) għandha ġġib il-kwotazzjonijiet u tgħaddihom permezz ta' emajl, għall-approvazzjoni.

## 33.08 Approvazzjoni ta' mozzjonijiet diversi

33.08.01 (SE) talbet lil (SZ), sabiex iressaq il-Mozzjoni li ġiet ippreżentata minnu.

**<u>Suġġett</u>: Master Plan għal ħolqien ta' aktar paprkeġġi f'Birżebbuġa – Informazzjoni u studji inizzjali**

Il-Kunsill huwa konxju tal-problemi dejjem jikbru relatati mat-traffiku u l-parkeġġ.
Peress li sar il-parkeġġ ta' Wied il-Buni u ser jibena parkeġġ ta' madwar 300 karozza fl-inħawi tal-Freeport;
Peress li ser isir l-embelishment tal-promenad ta' Wied il-Buni u ta' Triq San Patrizju u Misraħ is-Summit u għalhekk huwa mistenni li ħafna aktar nies jiġu f'dawn l-inħawi;
Peress li l-Kunsill qiegħed jaħdem fuq embelishment ta' Misraħ il-Knisja;
Peress li l-Kunsill għadu ma ngħatax risposta konkretta għat-talba tiegħu sabiex tiġi devoluta għall-anqas parti mill-ex-impjant tal-gass sabiex din issir parkeġġ għad-dgħajjes fix-xitwa u l-karozzi fis-sajf;
Peress li l-Kunsill għadu ma ġiex mgħarraf x'ser isir fl-erja tal-impjant tal-31 ta' Marzu ġaladarba dan ma jibqax jintuża għal ħażna tal-fuels;
Peress li l-Kunsill diġa imbarka fuq żewġ proġetti sabiex jiżdiedu l-ispazzji tal-parkeġġi, wieħed fil-Bajja s-Sabiħa u ieħor f'Dawret il-Qalb Imqaddsa/Triq iż-Żebbuġ;
Peress li l-Kunsill diġà qabel li jimbarka fuq tliet proġetti oħra ta' parkeġġi, wieħed f'Misraħ Hamilkar Barka, ieħor fi Triq il-Port Ħieles u ieħor temporanju fi Triq il-Bandli biex jiżdiedu il-parkeġġi;
Il-Kunsill qiegħed jaqbel li sabiex ikun f'pożizzjoni li jimbarka fuq master plan sabiex jiżdiedu l-ispazzji ta' parkeġġi, inkluż għal vetturi li jaħdmu bil-batteriji:

1. Issir talba oħra formali sabiex l-ex-impjant tal-gass fil-Qajjenza, jew parti minnu, jiġi devolut lil Kunsill għall-użu ta' parkeġġ;
2. Issir talba formali dwar x'inhuma l-pjanijiet ta' x'ser isir mill-erja tal-installazzjoni 31 ta' Marzu;

3. Jitlob lil Perit tal-Kunsill joħroġ b'disinn kif jistgħu jiżdiedu l-parkeġġi f'Misraħ il-Pajtier;
4. Jitlob lil TM għal linji gwida dwar żoni ta' residential u/jew timed parking zones fit-toroq l-eqreb lejn il-parkeġġi ta' Wied il-Buni u tal-ex-impjant tal-gass (jekk ikun il-kaz) kif ukoll fit-toroq qrib il-baħar;
5. Jitlob lil awtoritajiet kompetenti linji gwida dwar l-intallazzjoni ta' charging stations għal vetturi li jaħdmu bil-batteriji;
6. Jikkomissjona survey/studju fost ir-residenti sabiex ikejjel kemm hija kbira l-problema tal-parkeġġ u kemm jidher li ser tikber u jinvestiga postijiet u sistemi alternattivi għal parkeġġ;
7. Japplika sabiex dan l-eżerċizzju jkun iffinanzjat mill-UIF

(SZ) kompla jispjega kif l-idea hi li jsiru numru ta' affarijiet, sabiex il-Kunsill ikun jista' jorganizza l-parkeġġi fil-lokalità. (SC) saħaq li fuq il-parti li tinkludi lil Malta Freeport, il-Kunsill għandu jkollu diskussjoni mal-Freeport. (SZ) wieġeb li din il-mozzjoni tidħol biss, f'affarijiet li għandhom x' jaqsmu mal-Gvern Ċentrali. (SC) fakkar li f'seduti preċidenti, kien ippropona li jsiru l-parking available meters.

Din il-mozzjoni għaddiet bi tmien voti favur, tal-kunsilliera kollha li kienu preżenti.

Il-proponent kien (SZ), issekondat minn (DP).

## 33.09 Rapport dwar is-sotto kumitat dwar l-innovinar tal-pjazza

33.09.01 (SZ) kompla ta rapport dwar is-sotto kumitat. Dan is-sotto kumitat sa din il-ġurnata, iltaqa' darbtejn. L-ewwel laqgħa saret fid-29 ta' Jannar, u li kienet laqgħa introdutorja. F'din il-laqgħa ġie propost id-disinn, li jtafi ħafna mill-problemi. Fit-tieni laqgħa li saret fit-12 ta' Frar, is-sotto kumitat għamel SWOT analysis, kif ukoll brain storming tal-ideat. Ikkunsidra wkoll Misraħ il-Pajtier u t-toroq tal-madwar. B' dan l-eżerċizzju ser inkunu qegħdin inżidu l-parkeġġ, biex bih nagħtu nifs lil pjazza. (SZ) irringrazzja wkoll lil membru fil-kumitat li huwa maniġer fil-proġetti u li offra s-servizz tiegħu b' mod voluntarju. (SC) fakkar li l-ewwel għandu joħroġ il-proġett brief, imbagħad joħroġ għal kompetizzjoni. Madankollu, qed jiġi propost li l-Kunsill jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

## 33.10 Mistoqsijiet imressqa mill-kunsilliera

33.10.01 Il-kunsillier (JB) ġibed l-attenzjoni dwar dranaġġ li ħiereġ, fi Triq il-Qroll u fuq kantuniera li waqgħet. (AC) qal li l-kantuniera, IM jafu biha u li ser jirranġawha. (AC) qal li ser ikun qiegħed isegwi. Fuq dan l-istess spunt, (SC) irringrazzja lil IM, fuq bankina fi Triq Dun Karm Bugelli, li ssewwiet fil-pront.

33.10.02 (JB) ġibed l-attenzjoni wkoll fuq tappiera tal-WSC, li hemm tħabbat ħdejn ir-ridott ta' San Ġorġ. (SE) wieġbet li diġà ġiet irraportata.

33.10.03 Il-kunsillier (JBD) resqet talba, sabiex isiru żewġ rampi, ħdejn il-monument tas-Summit. (JBD) talbet sabiex dawk iż-żewġ rampi li kienu tneħħew, jerġgħu jsiru. (AC) wieġeb li ser ikun qiegħed isegwi, fl-istess waqt talab lil kunsillier (MM) biex tibgħatlu xi ritratti.

33.10.04 (JBD) aġġornat dwar laqgħa li kellha mas-CRPD. Ir-riżulta li l-Kunsill għandu żewġ rapporti. Rapport minnhom hu ħdejn il-Country Style, u ieħor minn ħdejn id-daħla tal-pompa tal-petrol. (JBD) ser tkun qed tressaq ir-rapporti, kif ukoll il-pjanti.

33.10.05 (JBD) talbet lil (SC) sabiex jerġgħu jistabbilixxu data, biex jiltaqgħu ħalli jikkonkludu l-applikazzjoni tal-bandli li taqa' taħt l-iskema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

33.10.06 (JBD) ressqet talba għall-approvazzjoni tal-Kunsill, sabiex fil-lokalità, b' kollaborazzjoni mal-parroċċa, kif ukoll mal-fondazzjoni LEAP, jinħoloq food bank. Din it-talba qiegħda ssir mill-qasam soċjali u n-nies tal-lokal lesti li jgħinu. Il-Kunsill approva din l-inizzjattiva.

33.10.07 (JBD) staqsiet lil (SZ) dwar it-talba għal parkeġġ ta' mutur, fi Triq il-Madolina. (SZ) talab lil (JBD) biex tibgħatlu ritratti tal-post eżatt.

33.10.08 (JBD) tkellmet fuq il-bankina tal-lido. Ġaladarba, il-proġett tal-binja twaqfet minħabba li nstab xi ilma baħar, u li fl-istess waqt il-permess tal-binja jkopri għal ħames snin, jekk dan il-proġett idum għaddej, x' ser jiġi minn dawk il-blokok li ħadu l-parkeġġ? (SZ) qal li għandhom isiru xi senjalaġġ li jistgħu jipparkjaw b'rota waħda fuq il-bankina.

33.10.09 (JBD) reġgħet talbet lil (AC) sabiex tinżebagħ il-kaxxa tal-bus stop tal-Bajja s-Sabiħa. Dan wara li kienet inqalgħet biex isiru xi xogħlijiet u li baqgħet ma twaħħlitx. (AC) ser ikun qiegħed isegwi.

33.10.10 (JBD) reġgħet ressqet it-talba lil (AC) dwar it-trasport pubbliku għal Triq il-Ġebel. (AC) reġa' qal li meta tkellem mal-MPT, dawn qalulu li biex minn Triq il-Ġebel tgħaddi għal Tal-Papa....eċċ, ma jkunx hemm post biżżejjed minn fejn iddawwar il-karozza tal-linja. Madankollu, ser ikun qiegħed jibgħat id-dettalji lil (SE) biex terġa' tikteb lill-Awtorità. (SZ) issuġġerixxa li fi ħmistax -il minuta tgħaddi mir-rotta normali u fil-kwarta ta' wara, tgħaddi minn Triq Ħal Far u tinżel 'l isfel. (AC) wieġeb li l-MPT mhux lesta li tawwal ir-rotta, lanqas b' kilometru. (JBD) insistiet li r-residenti ta' Triq il-Ġebel, għandhom ikunu moqdija bis-servizz ukoll. (JBD) ġibdet l-attenzjoni li s-servizz tal-karozza tal-linja, bin-numru 210, kull nhar ta' Sibt, mill-Qajjenza qiegħed jiġi provdut biss, kull sagħtejn. (AC) wieġeb li skont l-aħħar tweġiba li ngħata kienet, li minħabba l-COVID-19, in-nies m'għadhomx jagħmlu użu minn din ir-rotta.

33.10.11 Il-viċi sindku spjega kif ġie avviċinat mill-klabb tas-sajjieda, fuq proġett li jista' jservi għas-saħħa u sigurtà. Dan jikkonsisti li l-Kunsill ikun qiegħed jixtri apparat ta' AED li jiswa bejn €2,000.00 u €3,000.00. (SE) wieġbet li dawn irridu jkunu nies imħarrġa speċjali, kif ukoll l-apparat irrid ikun qiegħed jiġi installat x'imkien ċentru, minn fejn jista' jintlaħaq mingħajr problemi.

33.10.12 (SC) talab lil (SE) sabiex tibgħat emajl lid-Dipartiment tal-Cleansing, sabiex jagħtu tindifa fejn hemm it-tempju, f' Borg in-Nadur. (SC) ser ikun qiegħed jibgħat emajl lil (SE), sabiex tintbagħat talba lil Heritage Malta u lil Ministru, biex il-post jiġi rranġat.

33.10.13 (SC) talab l-approvazzjoni tal-Kunsill, sabiex dik l-ispeċi ta' funtana li hemm f' Wied il-Buni, titneħħa. Il-Kunsill qabel li għanda titneħħa.

33.10.14 (SC) tkellem dwar ġebel imħallat mar-ramel li kien tħalla fuq il-Bajja s-Sabiħa, wara li kien tlesta x-xogħol tal-iskatepark. Riċentament, l-uffiċċju kien talab lid-dipartiment tal-Cleansing, madankollu, id-dipartiment irrifjuta t-talba tagħna. Għaldaqstant, issuġġerixxa li għandna nġibu kwotazzjonijiet mingħand xi kuntratturi. Madankollu, (AC) stqarr li din it-talba għanda ssir min-naħa tal-MTA, għaliex il-bajjiet jaqgħu taħt din l-awtorità.

33.10.15 Il-kunsillier (MM) tkellmet dwar il-pots tal-qsari li hemm f' San Ġorġ u kif il-karozzi qegħdin iressquhom. (MM) issuġġeriet li jsiru bollards. (SZ) ma qabilx mas-suġġeriment tagħha, għaliex qal li jsiru ta' xejn, għaliex xorta waħda jitneħħew. (AC) issuġġerixxa li ssir kurduna u jagħlqu d-dawra.

33.10.16 (MM) talbet lil (SZ), sabiex ir-reserved parking li hemm f' San Ġorġ, tersaq lejn ir-restuarant. (SZ) ser ikun qiegħed isegwi din it-talba.

33.10.17 (MM) resqet talba, sabiex isiru żewġ bankijiet fl-area tal-Housing Estate, ħdejn is-siġar. Għaldaqstant, ser tkun qiegħda tiġbor u tippreżenta l-kwotazzjonijiet, għall-approvazzjoni.

33.10.18 (MM) spjegat lil (SZ) li l-kamera ta' ħdejn il-winch room tas-sajjieda, mhux qed taħdem. (SZ) qal li dik il-kamera hija tagħhom, kemm l-aċċess, kif ukoll is-supply. Għaldaqstant, dik hija problema li tikkonċerna lis-sajjieda. Il-kamera li hemm proposta għall-moll ta' San Ġorġ, ser tkun intenzjonata għal min ikun qiegħed jarmi l-iskart f' dik l-area. Jekk iridu kamera oħra, irridu ssir min-naħa tal-istess għaqda.

33.10.19 (MM) tkellmet fuq ritratt f' Ta' Marnisi, fejn jindika li xi ħadd fil-qrib, qiegħed jarmi xi kaxxi tal-frott. (AC) qal li fi żmien il-Kunsill kien issuġġerixxa li ssir skip bil-katnazz, u kamera, biex taqra biss lir-residenti. Dan il-proċess kellu jsir kemm f' Bengħisa, kif ukoll f' Ta' Marnisi. (SC) issuġġerixxa li nistgħu nibdew nużaw is-servizz tal-mobile camera. Madankollu, (SZ) wieġeb li dan mhux possibbli li minħabba li kull darba li ċċaqlaq il-kamera minn post għall-ieħor, ikun irrid isir Risk Assessment.

33.10.20 (MM) spjegat kif ħdejn il-klabb tas-sajjieda, hemm xi xitel tal-Yukka u peress li dalwaqt ser jiġu mħawlin is-siġar tal-Palm, hi tal-idea li dan il-Palm jitħawlu minflokom. Għaldaqstant, ser iġib kwotazzjoni biex dawn it-tliet Yukka jiġu maqlugħin u mħawlin post ieħor. Madankollu, (SZ) issuġġerixxa, li peress li dawn ser ikunu qrib wisq tar-ridott ta' San Ġorġ, idealment, qabel ma jitħawlu l-Palm, issir konsultazzjoni ma' Heritage Malta.

33.10.21 (MM) spjegat fuq ir-railing tal-promenade, li hemm xi sitta msaddin u li hemm bżonn li jsirilhom manutenzjoni. Il-fornatur qalilha li jkollu bżonn li jaqla' waħda minn dawn il-ħadid tal-promenad, sabiex wara li jiżina, ikun jista' jagħtiha stima. Intlaħaq ftehim li l-aħjar li

tinqala' u li l-inqas waħda li tkun perikoluża, hi ta' ħdejn il-monument tas-Summit. (AC) qal li jekk issir blasting u galvanizing, il-prezz jiġi orħos.

33.10.22 (MM) staqsiet lil (SZ) fuq nuqqas ta' dawl fi Triq Ferdinard Stufflesser. (SZ) wieġeb li hemm hekk, hemm tliet problemi:

- Il-maġġoranza tal-appartamenti huma diffiċli biex tagħmel lampa mal-faċċata.
- Il-mod kif qegħdin il-garaxxijiet, m'hemmx fejn isir arblu.
- (SZ) jaħseb ukoll li f'dik l-area, hemm il-culverts

Għaldaqstant, (SZ) issuġġerixxa li jridu jsiru xi tip ta' central hanging jew inkella nesperimentaw, billi nwaħħlu reflectors mal-brackets tal-Enemalta. L-ewwel preferenza għanda tkun ir-reflectors.

33.10.23 (MM) staqsiet lil (AC) jekk il-proġett ta' San Patrizju, hux ser ikun qiegħed jinkludi wkoll il-Bajja s-Sabiħa. (AC) wieġeb li le. Id-disinn jasal biss sat-teatru Grieg.

33.10.24 Il-kunsillier (DP) spjegat kif ir-Reġjun ta' Nofsinhar ħareġ skema ta' €500.00 għal-libreriji. Għaldaqstant, issuġġeriet li b'dan il-fond, jinbidlu ftit mill-ixkafef tal-kotba. Madankollu, il-Kunsill talabha, sabiex tikkonferma kemm jiswew jekk ikollna nibdlu l-ixkafef kollha. Filwaqt li l-Kunsill ikun qiegħed joħroġ id-differenza tas-somma.

33.10.25 (DP) talbet lis-(SE) sabiex tikkonfermalha mal-foreman, jekk it-tabelli li kienet resqet u approvati mill-Kunsill, fil-Bajja s-Sabiħa, tweħħlux jew le.

33.10.26 (DP) staqsiet lis-(SE) jekk hemmx aġġornament fuq il-ħadid tal-bandli. (SE) ser tkun qed tikkonferma mal-uffiċċju.

33.10.27 (DP) staqsiet jekk b'xi mod, il-Kunsill ikunx jista' jissupplixxi xi sistema tad-dawl lil NGO tal-animali abbandunati. (AC) wieġeb li fil-preżent, is-sistema tad-dawl qiegħda fl-entratura biss, sa ħdejn l-iscouts. Dak ix-xogħol irrid issir mill-Enemalta, filwaqt li AAA ikunu jridu jħallsu għalih huma. (SC) qal li dik hija issue tal-Enemalta u mhux tal-Kunsill.

33.10.28 (DP) uriet id-diżapunt tagħha dwar li l-uffiċċju qatt ma rċieva approvazzjoni mill-Awtorità tat-Trasport, sabiex jiġu installati tabelli li jindikaw lis-sewwieqa biex joqogħdu attenti għall-qtates. (SE) wieġbet li għandu mnejn lokalitajiet oħrajn installaw dawn l-istess tabelli, mingħajr l-approvazzjoni tal-Awtorità tat-Trasport.

33.10.29 (DP) staqsiet jekk kienx hemm xi aġġornament dwar l-iżvilupp fi traffic dimensions, fil-Qajjenza. (SZ) qal li (AC) għamel pjan, iżda għad irrid jiġi kkonfermat, min-naħa tiegħu. (AC) ħa spunt u ta aġġornament fuq Triq Dalam, fejn qal li riċenti kien iltaqa' mal-case officer tal-IM. Skont l-ideat li ppronew IM, (AC) ħass li ma kienux biżżejjed u l-uffiċċju kiteb lil TM, sabiex jibgħat uffiċjal min-naħa tagħhom. Madankollu, (JBD) qalet li dan l-uffiċjal diġà ġie fuq il-post u li kienet ser tkun qed tgħaddi l-informazzjoni lil (AC).

33.10.30 (DP) staqsiet lil (MM), kif bqajna dwar it-tindif tal-Cat Cafè, sabiex ikun jista' jinbeda l-bini tal-kmamar tal-qtates. (MM) wieġbet li konna qegħdin nistennew lil kuntrattur sabiex ineħħi dawk il-knaten li hemm. (AC) qal li ser ikun qiegħed isegwi.

33.10.31 (DP) staqsiet lil (SZ) dwar l-iswimming zone, wara li kien talabha biex terġa' tfakkru, lejn Frar 2021. (DP) qed titlob li fuq l-isketch ikun hemm pajsaġġ mal-promenade, sabiex min ikun jixtieq inniżżel kenura, jinżel bil-kenura minn dan il-pajsaġġ.

**Is-seduta waslet lejn tmiem it-tliet siegħat u ntalbet estenzjoni ta' 30 minuta, sabiex titkompla. Il-propononent għal din l-estenzjoni kien (SC), issekondat minn (AC).**

33.10.32 Il-kunsillier (SZ) fiehem dwar kif fis-seduta preċidenti kien diġà tkellem dwar il-Girghien Development Fund, u stqarr li ma jafx jekk sarx kuntatt mal-perit, dwar ir-razzett ta' min hu.

33.10.33 (SZ) staqsa lil (AC) dwar it-tindif tal-funtana fi Ġnien l-Indipendenza, għaliex twaqqaf ħesrem mis-servizz tal-Cleansing department. (AC) ser jibgħat lil (SE) sabiex tikteb u tikkonferma.

33.10.34 (SZ) issuġġerixxa li t-Triq li qed tinfetaħ fi Triq il-Port Ħieles, tiġi msemmija, Triq Feliċjan. Il-Kunsill approva dan l-isem.

33.10.35 (SZ) talab l-approvazzjoni tal-Kunsill, sabiex issir lampa f' Bengħisa. Il-Kunsill approva.

33.10.36 (SZ) fakkar li permezz ta' emajl iċċerkondata bejn il-kunsilliera, sar qbiel, sabiex l-Għaqda Dilettanti tas-Sajjieda, jingħataw aċċess għal meter tad-dawl, mil-latrina ta' San Ġorġ. Din kienet ġiet approvata mill-kunsilliera, permezz ta' tweġiba għal din l-emajl. (SZ) tkellem ukoll kif l-Għaqda tas-Sajjieda ser tkun qiegħda tagħmel tank tal-ilma fil-parkeġġ ta' San Ġorġ, bħala mezz ta' sigurtà u li fil-ġranet li ġejjien ser tkun qiegħda tibgħat sketch għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

33.10.37 (SZ) spjega kif ħdejn tal-ħaxix, f' Żurrieq road, kien hemm sprall li tagħta bi pjanċa. (SZ) staqsa jekk aħniex ser inżommuh bħala sprall, jew ser inħalluh mogħti bil-pjanċa. (SZ) kompla jispjega kif b'naqra xita, Żurrieq road, din il-pjanċa tagħmel differenza. Is-Sindku wieġeb, għand min qiegħed imur dak l-ilma tal-culvert għal ġol ġibja.

33.10.38 (SZ) ta' spjegazzjoni dwar l-eżerċizzju li nduru l-bibien kollha tal-fanali, sabiex ma jsirx abbuż. Għaldaqstant, (SZ) issuġġerixxa li jinxtraw katnazzi li jinqaflu bin-numri, u mhux biċ-ċavetta. Il-Kunsill approva dan is-suġġeriment, kemm għall-ħadid biex isir il-manutenzjoni fuq il-bibien, kif ukoll għax-xiri tal-katnazzi.

33.10.39 (SZ) fakkar li ser dalwaqt ser jinbeda l-manutenzjoni fuq il-fanali.

33.10.40 (SZ) aġġorna lil Kunsill dwar diskussjoni li kellu mal-foreman tal-Kunsill, fir-rigward il-bankijiet ta' Wied il-Buni. Għalkemm f'din l-area ser isir il-proġett, madankollu fis-sajf jiffrekwentaw ħafna nies li jkunu jixtiequ li jpoġġu bil-qiegħda. Skont il-foreman, f' emajl li bagħtu l-FTZD, huma lesti li jagħmlulna x-xogħol, però l-Kunsill irrid jissupplixxi l-materjal. Il-foreman stqarr li hemm bżonn li jinxtraw madwar mitt injama li tiswa €10.00 l-waħda. Dan ilaħħaq is-somma ta' €1,000.00, minbarra x-xiri taż-żebgħa. (MM) qalet li skont l-MTA, il-

ħadid jinsab imsaddad ħafna u faċilment li meta taqilgħu, jinkiser. (JBD) issuġġerit li jsiru tal-ġebel. Il-viċi issuġġerixxa lil (SZ) sabiex jistaqsi lil foreman kemm hemm bankijiet b' kollox, inkluż ta' Dawret il-Qalb Imqaddsa.

33.10.41 Il-kunsillier (AC) ta aġġornament fuq ix-xogħlijiet marbuta mal-islipway tas-Summit. (AC) qal li qabel kien hemm kuntrattur li ħa t-tender u li TM kienet ħallitu juża dik l-area biex jaħdem xi blokok. Mandankollu, il-kuntrattur il-ġdid aċċertah li fl-aħħar tax-xahar ta' Marzu, ser jibda jqiegħed il-blokok.

33.10.42 (AC) reġa' qajjem il-punt dwar id-dgħajjes u l-caravans li baqgħu fil-parkeġġ ta' San Ġorġ.

33.10.43 Għal darba oħra (AC) reġa' tkellem dwar il-problema tal-ħamiem. Skont ċirkulari mibgħuta mill-AKL, kellhom jagħmlu xi ħaġa sabiex il-ħamiem ma jibqax jiżdied. Għaldaqstant, reġa' ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill, sabiex nitolbu s-servizz tal-gaġġa. (SE) fakkret li skont emajl li l-uffiċċju kien irċieva, mingħand il-kummissarju tal-ħarsin tal-animali, dan huwa meqjuż bħala krudiltà fuq il-ħamiem. (JB) wieġeb li dik hija problema li trid tissolva mir-residenti ta' Birżebbuġa. Is-Sindku qal ukoll bil-problema li qegħdin jiffaċċjaw ir-residenti fi Triq San Filippu. (SE) żammet mal-punt, li jekk tiġi ordnata l-gaġġa mingħajr approvazzjoni tagħha, ma kinietx ser tapprova l-ħlas.

33.10.44 (AC) staqsa li (SZ) fuq il-lista li kellha ssir, meta jkun ser jiċaqlaq xi arblu. (SZ) wieġeb li l-uffiċċju kien ressaq talba u l-Enemalta kienu wieġbu. Però kien sar xi żball. Għaldaqstant, talab sabiex l-uffiċċju jerġa' jagħmel reminder lil Enemalta.

33.10.45 (AC) ta' spjegazzjoni tal-laqgħa li kellu aktar kmieni waranofsinhar, fil-preżenza tal-perit tal-Kunsill, is-Sur Sindku u rappreżentanza min-naħa tal-kumpanija Dimbros, dwar il-kawża ġudizzjarja, li l-Kunsill irċieva mingħand l-istess kumpanija, fuq xogħlijiet li kienu saru fi Triq il-Bajja s-Sabiħa, lura fl-2019. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel b' vot unanimu li l-kumpanija Dimbros għandha titħallas il-ħlas ta' €17,903.68 (VAT eżk.), minflokk il-kont preċidenti mill-istess kumpanija. Dan seħħ bi qbiel mal-kumpanija, aktar kmieni waranofsinhar. Il-kumpanija Dimbros talbet, sabiex il-Kunsill iħallas ukoll il-ħlasijiet marbuta mall-ispjeżż legali, li jlaħħqu s-somma ta' €2,500.00. Il-Kunsill approva dan il-ħlas ukoll.

33.10.46 (AC) ta' spjegazzjoni dwar il-barrier tax-xatt. Huwa aġġorna lil Kunsill li issa s-CCTVs qegħdin jaħdmu u qed jiġi osservat kemm fil-verament qegħdin jinżlu vetturi. (AC) kompla jispjega li l-kaxxa tinsab lesta u ta l-parir li ċ-ċavetta toqgħod fil-kaxxa taħt it-taraġ, biex kollox ikun miġbur f' post wieħed. (AC) fiehem kif l-uffiċċju ġabar l-applikazzjonijiet tan-nies li joqogħdu f' dik iż-żona u li huma interessati li jkollom l-aċċess. (AC) qal li l-vetturi li jistgħu jinżlu biex jipparkjaw, ma jistgħux iħallu l-vettura barra. Dawn jew id-daħħlu l-vettura fil-garaxx, jew jistgħu jipparkjawha, taħt il-loġġoġ, jew fil-parapett. Kull familja ma tistax tixtri aktar minn żewġ access cards. (AC) spjega wkoll kif iż-żewġ restoranti tal-istess żona, waslu bi ftehim bejniethom, li jinstallaw remote control, sabiex ikunu jistgħu jiftħu lil tal-merċa, fil-ħinijiet speċifiċi għalihom. Fuq il-problema tal-persuna anzjana fiż-żona, (AC) ta l-parir li jsirilha parkeġġ riservat. Dan sabiex, iż-żona ma tispiċċax żona għal parkeġġ. (SC) qabel li l-parkeġġ ta' ħdejn ix-xitel tal-palm, għandu jkun riservat għal loading/ unloading tal-vannijiet li jissupplixxu l-merċa lil tal-ħwienet ta' dik iż-żona. (AC) ta rendikont fuq il-ħlas marbuta mas-

sistema tal-conduits li saru lil restuarant partikolari, fejn kien sar xi misinterpretazzjoni. Dawn kienu jwasslu għas-somma ta' €352.00 u li l-Kunsill approva li jitħallsu min-naħa tagħna.

## 33.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

33.11.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fl-għaxra nieqes kwart ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li d-data tas-seduta li jmiss, tkun it-Tlieta, 6 t' April, 2021, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar. Peress li sa dik id-data jkunu għadhom fis-seħħ il-miżuri relatati mal-COVID-19, il-laqgħa ser terġà sseħħ, permezz tal-Microsoft Teams.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| __________________________ | ________________________ |
| Joseph Farrugia | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |